MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tat-12 ta' Frar, 2003

Numru 154/1996

**Il-Pulizija**
**(Spettur illum Kummissarju tal-Pulizija John Rizzo u Spettur Lawrence Cutajar)**
**vs**
**Emanuel Spagnol**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi kontra l-imputat Emmanuel Spagnol ta' 42 sena iben Michael u Catherine nee' Cutajar imwieled iz-Zejtun u residenti "El Galim" nru. 3, Triq Dun Pawl Brunchell, Gebel San Martin, Zejrun, detentur ta' identita numru 353254m) akkuzat talli:

a. nhar it-Tlieta 20 ta' Frar 1996 fiz-Zejtun, ghal habta tat-8.30a.m. iddenunzja lill-Pulizija Esekutiva reat li jaf li ma sarx, inkella b'qerq holoq tracci ta' reat b'mod li jistghu jinbdew proceduri kriminali sabiex jizgura li dak ir-reat kien sar (Art.110/2 kap 9);

b. fl-imsemmija data, lok u cirkostanzi halef il-falz quddiem Magistrat jew quddiem ufficjal iehor li jkollu s-setgha b'ligi li jaghti l-guramenti (Art.108, Kap.9);

c. fiz-Zejtun fl-20 ta' Frar 1996 ghal habta tas-7.00a.m. bil-hsieb li jikseb ghalih innifsu jew ghall-haddiehor il-hlas ta' flus ta' sigurata kontra r-riskji, jew xi qligh iehor mhux misthoqq, iddistrugga, xerred 'l hawn u 'l hemm jew gharraq b'xi mezz li jkun hwejjeg tieghu u cioe' billi ghamel rapport fl-Ghassa tal-Pulizija taz-Zejtun illi xi hadd mhux maghruf kien sgassalu l-bieb tal-fond fejn joqghod li qieghed sitwat "El Galim" nru.3, Triq San Pawl Brubchell, Gebel San Martin, iz-Zejtun, u wara li qalbulu kullimkien, serqulu kwantita kbira ta' oggetti tad-deheb, pittura u ghamara antika u oggetti ohra li jammontaw ghall-valur ta' madwar Lm75,000 meta huwa kien jaf li dan ma kienx vera, imma ghamlu sabiex jiehu l-hlas ta' flus ta' sigurta kontra r-riskji, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta tieghu (Art.295 Kap 9);

d. fl-imsemmija data, hin, lok u cirkustanzi, bil-hsieb, bi hsara ta' haddiehor huwa, ipprova jaghmel qligh b'qerq, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta tieghu (Art.309 Kap 9);

e. sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih innifsu jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita' pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza jew ta taghrif falz (Art. 188 Kap 9);

f. f'dawn l-ahhar xhur huwa ghamel falsifikazzjoni ohra jew xjentement ghamel uzu minn xi dokument iehor falsifikat (Art.189 Kap 9);

g. kiser il-kundizzjoni tal-Artikolu 9 tal-Kap 152 tal-Ligijiet ta' Malta meta kien instab hati li ikkommetta reat mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Awla 6 li ggib id-data 16 ta' Dicembru 1994 fejn gie misjub hati u rilaxxjat bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat ieho fi zmien sentejn mid-data tas-sentenza;

Il-Prosekuzzjoni talbet illi f’kaz ta’ kundanna jigu applikati l-Artikoli 533 u 109 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat ir-rinviju tal-Avukat Generali (folio 246) li bih l-atti gew rinvjati quddiem dina l-Qorti bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali sabiex tiddeciedi dwar il-htija jew htijiet tal-imputat a bazi ta’ l-artikoli tal-ligi hemm citati f’kaz li l-imputat ma jsibx oggezzjoni;

Rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni sabiex il-kawza tigi trattata u deciza minn din il-Qorti;

Ezaminat ix-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti;

Rat in-nota ta’ osservazzjnijiet tal-imputat u l-ahhar verbali taghha fejn halliet il-kawza ghas-sentenza.

Ikkonsidrat:

Ai termini tar-rinviju tal-Avukat Generali l-imputat hu akkuzat skond l-artikoli tal-ligi korrispondenti ghar-reati segwenti:

- l-Artikolu 110(2) tal-Kap 9 li jittratta l-holqien qarrieqi ta’ provi foloz;
- l-Artikolu 108 tal-Kap 9 li jittratta l-gurament falz;
- l-Artikolu 41(1)(a) tal-Kap 9 li jittratta t-tentattiv ta’ reat u dana b’riferenza ghar-reat ta’ frodi ta’ sigurta’ kontra r-riskji (Artikolu 295 tal-Kap 9) u r-reat ta’’deskrizzjoni kummercjali falza (Artikolu 301 tal-Kap 9);
- ukoll it-tentattiv ta’ reat (Artikolu 41[1][a]) fir-rigward ir-reat ta’ truffa aggravat bl-ammont eccedenti l-Lm500 (Artikolu 309 u 310[a] tal-Kap 9);
- l-Artikolu 188 tal-Kap 9 li jittratta r-reat ta’ dikjarazzjoni falza jew taghrif falz lil awtorita’ pubblika;
- l-Artikolu 189 tal-Kap 9 li jittratta falsifikazzjoni u uzu ta’ dokumenti foloz f’kazijiet ohra mhux imsemmija fit-Titolu V sub-titolu II;

- l-Artikolu 10(1)(a) tal-Kap 152 li jittratta l-ksur ta' liberazzjoni kondizjonata;
- l-Artikoli 533 u 109 tal-Kap 9 li jittrataw spejjes ta' periti nominati u l-interdizzjoni rispettivament.

L-akkuzi kontra l-imputat joriginaw minn serqa jew allegata serqa li l-istess imputat rraporta li sofra mid-dar ta' residenza abitwali tieghu igifieri mill-fond jismu "El Galim" numru 3, Triq Dun Pawl Brunchell, Gebel San Martin, Zejtun, fl-20 ta' Frar 1996. Jirrizulta li s-suspett li s-serqa kienet fittizja u arkitettata biss sabiex l-imputat jirriskwoti l-assikurazzjoni, allura veljanti fuq il-bini , kopert is-serq, kienu fondati u bazati fuq cirkostanzi u indizji li jekk xejn kienu legittimament u ragjonevolment inisslu dubbju fondat dwar il-veracita tal-fatt tas-serqa proprja. Issa l-kompitu primarju tal-Qorti, qua Qorti ta' Gudikaturi Kriminali hu li tfittex u tiddeciedi jekk il-prosekuzzjoni tkunx ippruvat il-kaz taghha 'minghajr dubju dettat mir-raguni' u jekk l-imputat ikunx irnexxilu jinnewtralizza din il-prova anka fuq bazi ta' probabilita.

Jinghad illi l-ezistenza tas-serqa hi fundamentali ghall-ezitu tar-reita' o meno tal-imputat kwazi ghall-akkuzi kollha kontrih dedotti u riportati fir-rinviju tal-Avukat Generali. Ezaminati l-provi relattivament is-serqa, mentri hu manifestament car li d-dhul jew allegat tali, gie ottenut billi tkissret hgiega tal-bieb ta' barra b'tali mod li permezz tal-fetha risultanti infethet il-purtella, is-suspetti fl-allura Spettur, illum Kummissjarju John Rizzo, tqajjmu minhabba li kien osserva li l-hgieg imfarrak tal-bieb ta' barra kien, fil-parti preponderanti, fuq in-naha ta' gewwa u mhux fuq barra, fattur li, skond hu, kondiviz minn din il-qorti, ma setax jissuccidi ghaliex l-purtella, li kienet tissakkar fuq zewg pumi(ossija pumelli), kienet tinghalaq ssikkata mal-hgiega u ghalhekk ghal kollox inverosimili li l-hgieg seta' jaqa fil-parti l-kbira tieghu fuq barra; di piu' li l-istess bieb thalla minghajr sokor tac-cavetta meta li kieku kien hekk maqful ma kienx ikun jista' jinfetah jekk mhux bl-uzu ta' forza li ma kienx il-kaz; ukoll hu suspettuz kif l-imputat li ipprefera li jissalvagwardja 'stock' li stqarr li kellu fil-hanut bi preferezna ghal dak li kellu d-dar di piu' nieqsa mis-sokor adegwat.

Issa fil-waqt li huwa dibattibbli kemm dawn il-fatturi u sic u konsidrati f'test wahedhom huma per se konkluzivi minhabba li fl-ahjar ipotesi jesponu supposizzjonijiet u kongetturi li fil-kamp kriminali ma jikkostitwux prova probanti, hemm pero l-istqarrija tal-imputat li tafferma b'mod skjett li mhux minnu li kienu serquh. Il-perspettiva ghaldaqstant tinbidel radikalment stante illi s-suspett isib allura l-konfort ta' prova diretta li fin-nuqqas li l-imputat juri (dejjem fuq bazi ta' probabilita) li l-istqarrija tieghu hi nulla u ta' ebda valur fil-ligi tissostanzja t-tesi sostnuta mill-prosekuzzjoni dwar li s-serq ma sahhx u kien fittizju. Ovvjament anka f'dan il-kuntest dwar jekk l-istqarrija ittiehdet validament hi dejjjem il-prosekuzzjoni li trid tipprova almenu prima facie.

Ikkonsidrat:

Illi fl-ambitu ta' konfessjonijiet il-Kodici Kriminali jesigi li tkun maghmula volontarjament u ma tkunx giet imgieghla jew mehuda b'theddid jew b'biza, jew b'weghdiet jew bi twebbil ta' vantaggi – Artikolu 658.

Fil-kaz in disamina l-imputat isostni l-inammissibilita' ta' l-istqarrija fuq il-fatt li ma kienitx volontarja. Da parti taghha l-prosekuzzjoni ghamlet l-provi prima facie tal-volontarjeta b'hekk li l-oneru tal-prova gie jispetta lill-imputat li jipprova l-kuntrarju. Fix-xhieda tieghu (folio 272 et seq) l-imputat sostna li kien vittma ta' oppressjoni waqt it-tehid ta' l-istqarrija. Jghid illi kien qieghed isofri minn emikranja, li ttiehdulu l-pilloli, u kien assoggettat b'insulti.

Illi huwa appena opportun li jinghad li r-rilaxx ta' stqarrija hija fakoltattiva billi minn jaghmilha ma ghandu ebda obbligu li jirrilaxxja jew li jirrispondi ghad-domandi li jkunu qed jigu impoggija lilu. Li fil-kaz tal-istqarrija in meritu l-oppressjoni allegata mill-imputat trid tirrisulta li kienet ta' certa gravita liema fatt din il-qorti onestament ma irriskontratx. Li l-imputat kien qieghed isofri minn anzieta jirrisulta anka mic-certifikat rilaxxjat mit-tabiba tal-poliklinika meta ttiehed mill-pulizija biex jigi ezaminat wara ilmenti li ghamel, kif lanqas mhu eskluz li l-imputat seta

kien qieghed ibati minn ugiegh ta' ras qawwija, jew ukoll li, dato ma non concesso, li l-imputat kien assoggetat ghall-kliem riferit minnu. Izda fil-fehma ta' din il-qorti l-imsemmija fatturi ma jikkostitwux dik l-oppressjoni li tirrendi l-istqarrija vizjata, specjalment meta dwar l-ahhar zewg fatturi, m'hemm xejn x'jindika li verament dawn ezistew, u dwar l-anzjeta ma tarax kif tista' timpingi fuq il-volontarjeta.

Illi inghad dan is-segwitu logiku hu li l-istqarrija rilaxjata mill-imputat hi wahda volontarja, igifieri maghmula 'of his own free will', u, ikkunsidrati l-indizji u c-cirkostanzi kollha veritiera almenu in kwantu ghall-fatt li s-serqa kienet fittizja u arkitettata li ma jfissirx li l-imputat ma kellux dik il-kwantita f'valur ta' affarijiet li stqarr u anziipprova li kellu d-dar tieghu.

Kwindi u minhabba li din il-qorti waslet ghall-konkluzjoni li s-serqa ma avveratx ruhha, isegwi wkoll illi fost l-akkuzi dedotti kontra l-imputat skond l-artikoli tal-ligi citati mill-Avukat Generali s-segwenti jirrizultaw kontra l-imputat. Dawn ir-reati huma: is-simulazzjoni ta' reat ossija s-serqa (Artikolu 110/2, Kap 9), l-gurament falz (Artikolu 108/1, Kap 9), l-attentat ta' frodi dwar sigurta aggravat bl-ammont (Artikoli 41/1/a,295, 310/a Kap 9), u l-attentat ta' truffa aggravat bl-ammont (Artikolu 41/1/a, 309, 310/a Kap 9). Ukoll mill-provi tirrizulta l-falsifikazzjoni li fi kliem Sir Anthony Mamo tista tezisti f'zewg modalitajiet – "either by making in whole or in part a false document (counterfeiting), or by altering a genuine document". Fil-kaz ta' l-imputat ghandu jirrizulta wisq car li l-falsifikazzjoni tikkonsisti sew billi iffalsifika l-firma ta' Raymond Abela fuq id-dok. RJ13 u filli altera id-dok. RJ12 miktub mill-istess billi zied fuqu (ara fol.62) Dan li inghad japplika fil-konfront tal-Artikolu 189 u mhux ukoll fil-konfront ta' l-Artikolu 188 li fil-fehma tal-qorti l-ebda reat ma jissusisti fil-konfront tieghu.

Illi wkoll ma tissusistix r-recidiva u dan ghall-fatt biss li m'hemmx il-prova cara dwar id-data meta inghatat is-sentenza, fatt li johrog abbundantement car mill-istess sentenza li tindika zewg dati.

Ghaldaqstant tiddeciedi l-kawza billi issib l-imputat hati tal-ewwel, it-tieni, it-tielet, ir-raba u s-sitt akkuza u tilliberah mill-kumplament. Rat l-Artikoli 110(2), 108, 295, 309, 310, 41, 17 u 31 tal-Kap 9 u wara li qieset il-fedina penali tal-imputat u fatturi ohra li kollox ma kollox jimmilitaw kontra piena ta' prigunerija effettiva, tiddeciedi li tikkundannah sentejn prigunerija sospizi ghall-erba' snin millum bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap 9 u sakemm l-imputat ma jikkommettix reat iehor fil-perjodu operattiv ta' din is-sentenza.

Il-Qorti fehmet lill-imputat l-konsegwenzi u l-import tas-sentenza.

--------------------------------TMIEM--------------------------------